# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 322 – It-Tnejn 4 ta' Lulju 2016

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 321 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Il-Playground Nalizpelra**

Is-Sindku qal li l-playground kien ġie inawgurat kif kien mistenni u li kien reazzjonijiet pożittivi għall-proġett. Hu irrimarka li kien għad baqa' xi xogħolijiet żgħar xi jsiru u li dawn kienu se jitkomplew fil-jiem li ġejjin. Huwa qal li flimkien mal-Perit tal-Kunsill kienu qegħdin jiġu kkunsidrati diversi ħwejjeġ biex ma jkomplix isir għum fil-vaska tal-ilma.

**2.2 Triq Mons. Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku qal li s-Sur Bjorn Bonello kien qed iħejji r-rapport dwar it-talba biex tiġi installata speed camera f'din it-triq. Huwa spjega li kienu nġabru r-rapporti tal-inċidenti kollha li seħħew f'din it-triq f'dawn l-aħħar tliet snin. Dan ir-rapport għandu jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin.

**2.3 Talba mis-Siggiewi Festival Brass Band & Social Club**

Is-Sindku qal li kif kien informa bil-miktub lill-Kunsilliera li l-għada tal-aħħar seduta l-għaqda Siġġiewi Festival Brass Band & Social Club kienet ippreżentat mandat ta' inibizzjoni kontra l-Kunsill u kontra l-Arċipriet tas-Siġġiewi. Huwa qal li dan il-mandat kien instema mill-Imħallef Anthony Ellul nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2016 u ċjoè it-Tnejn ta' qabel il-festa.

Is-Sindku spjega li l-Qorti ma laqgħetx it-talba għall-ħruġ tal-mandat u għalhekk ma kien hemm l-ebda ordna tal-Qorti la fil-konfront tal-Kunsill u lanqas fil-konfront tal-Arċipriet.

Huwa kompla jgħid li fil-jiem li ġejjin kien beħsiebu jibda bil-laqgħat ma' dawk kollha nvoluti kif kien ġie deċiż fis-seduta ta' qabel.

**2.4 Trasport għall-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum**

Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace ippreżentat żewġ kwotazzjonijiet dwar it-trasport tal-anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani. Hija qalet li hija tal-fehma li xorta waħda għandu jkun hemm ħlas minimu u dan is-servizz ikun offrut biss għal dawk li għandhom bżonn.

Is-Sindku qal li jekk jingħata dan is-servizz, għandu jingħata bla restrizzjonijiet u mingħajr ebda ħlas.

Huwa kompla jgħid li għandu jerġa' jikteb lis-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani dwar jekk dan is-servizz għandux jiġi pprovdut mid-Dipartiment tal-Anzjani.

**2.5 Outdoor gym**

Is-Sindku qal li kien irċieva numru ta' lmenti u suġġerimenti dwar l-Outdoor Gym fi Triq Mons. F.X. Mangion. Huwa spjega li flimkien mal-Perit kien qed jipprova jsib mezz kif ikun hemm apparat ġdid u aktar addattat fil-*play area* tat-tfal. Huwa qal ukoll li hu ippjanat li matul is-sajf isir ċertu xogħol ta' refurbishment mill-ħaddiema tal-IPSL.

**2.6 Ingaġġ ta' Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku qal li s-sejħa kienet ġiet ippublikata u se tagħlaq fit-22 ta' Lulju.

Huwa ippropona li l-Bord tal-Għażla għandu jkun iffurmat minnu bħala Sindku, mill-Viċi Sindku, u mill-kunsillier Clayton Cutajar kif ukoll mis-Segretarju Eżekuttiv

bħala Segretarju tal-Bord. Dan il-bord għandu jiltaqa' għal-laqgħa preliminari qabel jibdew l-intervisti. Huwa ppropna li l-intervisti għandhom isiru kollha nhar il-Ħamis 4 ta' Awwissu 2016.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 3 FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 ĦWEJJEĠ OĦRAJN

### 4.1 Carmen's Bar – Għar Lapsi

Is-Sindku fakkar fit-talba li kienet saret mis-sur Gilbert Borg propretarju tal-imsemmi negozju, fejn qed jitlob li jagħmel barkun fit-tarf tal-bajja hekk magħrufa bħala "Ta' Miżun" u ċjoè fil-parti viċin il-kamra li lura fiż-żmien kienet tintuża mis-suldati. Din it-talba hija marbuta ma' żvilupp ta' water sports facilities. L-awtoritajiet konċernati talbu għal aktar dettalji dwar in-*no objection* mogħti mill-Kunsill.

Is-Sindku spjega li ġaladarba s-Sur Borg indika b'mod eżatt il-post fejn isir il-bankun, huwa ippropona li l-Kunsill għandu jagħti n-*no objection*.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.2 Tindif fi Triq Dun Manwel Zammit

Is-Sindku qal li fil-parti tal-imsemmija triq bejn Triq l-Imdina u l-*ground* tal-football, kien hemm ħajt li kien fi stat dilapidat u kien hemm ammont ta' skart mormi warajh. Huwa ippropona li dawn jitnaddfu u jiġu irranġat u miżbugħa mill-ħaddiema tal-IPSL li ser jiġu mislufa lill-Kunsill mir-Reġjun Nofsinhar.

Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.3 Taħditiet fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum

Il-Viċi Sindku qalet li għamlet kuntatt mal-psikologu Nicholas Briffa biex dan jagħti xi taħditiet lill-anzjani. Hija spjegat li Nicholas Briffa kien aċċetta u għalhekk ser tieħu ħsieb tikkordina mad-diriġenti taċ-Ċentru.

### 4.4 Il-Housing Estate ta' Ramija

Il-Kunsillier Dominic Grech ilmenta dwar in-nuqqas ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'din iz-zona. Is-Sindku qal li se jsegwi l-materja mal-kuntrattur.

**4.5 Bring-in-site fi Triq Patri Ġużè Delia**

Is-Sindku qal li baqa' jirċievi ilmenti minn ġirien li ma jixtiequx din il-bring-in site fi Triq Patri Ġużè Delia. Il-Kunsillier Dominic Gfech ilmenta fuq ir-riflettur tad-dawl li għadu jixgħel minkejja li preżentament il-bring-in site mhumiex hemmhekk.

Is-Sindku qal li għandna nibdew nikkunsidraw post alternattiv kif ukoll jitneħħa r-riflettur tad-dawl.

**4.6 Proġett "Naqsam il-Musa"**

Is-Sindku talab li s-seduta tiġi sospiża biex ir-rappreżentanta preżenti tal-*Musuem of Fine Arts* tkun tista' tagħmel il-preżentazzjoni tagħha.

Meta tkompliet is-seduta qal li wara li l-Kunsill sema' din il-preżentazzjoni huwa qed jipproponi li jiġu identifikati 10 persuni mill-lokalita' biex dawn wara li jattendu workshop organizzat mill-Musuem of Fine Arts ikunu jistgħu jidentifikaw huma l-opri tal-arti, li kopja tagħhom tintwera fis-Siġġiewi. Huwa għalhekk appella biex fis-seduta li jmiss kull kunsillier iġib lista ta' ismijiet biex minnhom jintgħażlu dawn l-għaxar persuni.

Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.7 Applikazzjoni għal bini ta' shooting academy u faċilitajiet oħra fiz-zona ta' Ħal Xluq**

Is-Sindku spjega li fl-aħħar jiem ta' Ġunju kienet inġibditlu l-attenzjoni għal applikazzjoni li ġiet ippreżentata lill-Awtorità tal-Ippjanar biex jinbnew shooting range u faċilitajiet oħra fiz-zona ta' Ħal Xluq (PA 02050/16 – To sanction existing structure and use within proposed development of facilities for a shooting academy" f'sit deskritt fl-istess applikazzjoni bħala "Field off, Triq ta' Bur it-Tokk, Ta' Hax- Xluq, Siggiewi, Malta".).

Huwa qal li peress li d-data ta' meta setgħet tiġi ppreżentata kienet tagħlaq fi żmien 24 siegħa huwa kien ikkomunika informalment mal-membri kollha tal-Kunsill u kiseb il-kunsens tagħhom biex f'isem il-Kunsill jippreżenta oġġezzjoni.

Huwa spjega li bħala Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ġiet ippreżentata oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni għal dawn ir-raġunijiet:

1. L-iżvilupp propost ser jikkawża tniġġis mill-istorbju (noise pollution) f'zona li hija kkaratterizzata minn kwiet tipiku ta' zona rurali bħalma hi dik ta' Ħal Xluq fis-Siġġiewi;

2. Is-sit tal-iżvilupp propost huwa viċin ħafna – madwar 50 metru biss – tal-Kappella ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq li għandha valur storiku u kulturali kbir u għalhekk ħaqqha tiġi mħarsa b'kull mezz possibbli;

3. L-iżvilupp propost ser ikollu impatt negattiv fuq iz-zona ta' Ħal Xluq bħala Small Rural Settlement (Category 3 Settlements ODZ) għal użu residenzjali skont kif stabbilit mill-Pjan Lokali għall-Majjistral ta' Malta (NWRS 4); u

4. L-iżvilupp propost huwa nkompatibbli mas-sit innifsu u maz-zona ta' Ħal Xluq li hija waħda rurali u li l-użu tagħha huwa limitat għall-agrikoltura.

Is-Sindku spjega li kien tkellem mal-Arċipriet tas-Siġġiewi li wkoll kien ippreżenta oġġezzjoni għal din l-applikazzjoni.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikkonferma u jirratifika din l-oġġezzjoni. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara magħluqa fit-8:30pm u ippropona li l-Kunsill jerġa' jitlaqqa' Nhar it-Tnejn l-1 t' Awwissu 2016, fis-7.00p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

**L-Avukat Dr Karol Aquilina**
**Sindku**

**Is-Sur Nikol Baldacchino**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Konfermati llum it-Tnejn, l-1 t'Awwissu 2016**